**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 373/2017/1**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Claude Grasso**

Illum, 28 ta' Jannar 2022

Il-Qorti;

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Claude Grasso, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 336895M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

1. F'diversi okkażjonijiet fl-20 ta' Marzu 2017 u fix-xhur u snin ta' qabel, f'diversi bnadi ġewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taħt l-eta' u ċioe' AA minuri ta' 8 snin (Artikolu 204C(1) ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);
2. Aktar talli fl-istess ċirkostanzi b'għemil żieni, ikkorrompa lil AA minuri ta' 8 snin (Artikolu 203(1) ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Mejju 2021, fejn wara li rat l-Artikoli 203(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Claude Grasso ħati tat-tieni (2) akkuża fil-konfront tiegħu u kkundannatu tliet (3) snin priġunerija filwaqt li lliberatu mill-ewwel (1) akkuza fuq

nuqqas ta' provi. Illi, ukoll bl-applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat l-ħruġ ta' Ordni għall-perjodu ta' tnax (12)-il xahar minn meta l-imputat jiskonta l-piena nflitta fejn il-persuna protetta li hija AA u dan skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet li għandu jifforma parti minn din is-sentenza. Illi, ukoll sabiex tiġi protetta l-identita' tal-vittma, il-Qorti ordnat id-divjett ta' isem l-istess vittma u isem l-imputat kif ukoll dettalji li permezz tagħhom huma jistgħu jiġu ddentifikati fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni. Il-Qorti inoltre' a tenur ta' dak li jiddisponi l-Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat li isem l-imputat jitpoġġa fuq ir-Reġistru mwaqqaf permezz tal-imsemmi Att u għal dan il-għan ordnat li kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex issir tali annotazzjoni. Illi di piu' u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat Claude Grasso ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż peritali naxxenti mill-inkjesti Maġisterjali ppreżentata in atti li jammontaw għal erba' mija u tlieta u sebgħin ewro u ħamsa u erbgħin ċentezmu (€473.45).

Rat ir-rikors tal-appellant, Claude Grasso, ppreżentat fit-8 ta' Ġunju 2021 fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li:

1. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti fejn ma sabitx lill-appellant ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni dedotta kontrih; u
2. Tgħaddi sabiex tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tat-tieni (2) imputazzjoni dedotta kontrih u konsegwentament tilliberah minnha u l-konsegwenti ħtija u piena, u alternattivament, f'kaz biss illi din l-Onorabbli Qorti tiċħad l-ewwel erba' aggravji tal-appellant u tikkonferma is-sentenza appellata, l-appellant jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja il-piena inflitta, għal waħda aktar ekwa, ġusta u miti, sabiex tkun tirrispekkja il-fatti tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat is-sentenza preliminari mogħtija nhar id-29 t'Ottubru 2021 fejn ġie milqugħ l-ewwel aggravju imqanqal mill-appellant u fejn ġie deċiż illi l-istqarrija rilaxxjata

minnu nhar l-20 ta' Marzu 2017 u kwalunkwe dikjarazzjoni jew stqarrija magħmula minnu lill-espert Dr Nigel Camilleri u lill-assistent soċjali Marylyn Agius ma għandhom ebda valur probatorju u għalhekk għandhom jiġu skartati fid-determinazzjoni li ser tagħmel il-Qorti tal-aggravji rimanenti.

Semgħet trattazzjoni fuq l-aggravji rimanenti.

**Ikkunsidrat:**

Illi t-tieni, it-tielet u r-raba' aggravji ventilati mill-appellant jikkonċernaw, fl-essenza tagħhom, l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, bl-ewwel ilment jkun marbut mal-konkluzjoni milħuqa mill-espert nominat fl-*in genere* Dr Nigel Camilleri fir-rigward tal-allegat abbuż sesswali, kif ukoll in-nuqqas mill-Ewwel Qorti li tisma'x-xhieda tal-minuri AA. Jilmenta illi l-Ewwel Qorti straħet fuq dak li rriżulta fir-rapport mħejji mill-espert Dr Nigel Camilleri u dan meta l-imsemmija AA la qatt ġiet prodotta bħala xhud mill-Prosekuzzjoni u wisq anqas tat il-verzjoni tagħha direttament lil Dr Nigel Camilleri.

Illi minn eżami tal-atti jemerġi illi wara li kien sar rapport mis-Servizz għal Ħarsien tat-Tfal lil pulizija dwar allegat abbuż sesswali ipperpetrat mill-appellant fuq il-minuri, kienet ġiet varata inkjesta maġisterjali fejn il-Maġistrat Inkwirenti kienet ħatret bħala espert lil Dr Nigel Camilleri fil-kapaċita' tiegħu bħala Konsulent Psikjatriku bl-inkarigu illi "*jezamina lill-minuri AA sabiex jiġi stabbilit jekk dak rappurtat minnha u ċioe l-abbuz sesswali perpetrat fuq il-peruna tagħha hux minnu jew le, billi jiddeskrivi l-istat mentali ta' din il-minuri u b'mod partikolari jekk fil-fehma tiegħu, tali rapport hux wieħed fabbrikat jew le u jirrelata dwar ir-rizultanzi tiegħu*". Fir-rapport tiegħu ppreżentat in atti[1], pero', hemm pre-ambolo fil-parti introduttorja fejn jingħad testwalment:–

> ***"I am Dr Andrea Saliba, a basic specialist trainee who carried out this assessment as part of my training in psychiatry under the supervision of Dr Nigel Camilleri, currently employed by the Mental Health Services, Malta as a Full Time Substantive Consultant Child and Adolescent Psychiatrist with a***

[1] *Vide* folio 63 *et seq* tal-Atti Proċesswali.

***special interest in Adolescent Forensic Psychiatry. I have the training, qualifications and expertise to diagnose and treat mental illness in young people".***

Illi minn qari tar-rapport hemm indikazzjoni, tul ir-redazzjoni ta'l-istess, illi hija persuna waħda li qed tmexxi l-intervisti[2], li minn qari tal-preambolu hawn fuq iċċitat x'aktarx li dik il-persuna hija fil-fatt Dr. Andrea Camilleri. Ir-rapport imbagħad jintemm bis-segwenti frażi:

***"I understand my duty is to the court and have complied with that duty. I believe that the facts that I have stated in this report are true and the opinions I have expressed are correct."***

Wara dan il-paragrafu, ir-rapport jiġi iffirmat kemm minn Dr. Nigel Camilleri, kif ukoll minn Dr. Andrea Saliba. Illi dan joħloq dubbju dwar min verament ikkonduċa l-eżamijiet kliniċi indikati fir-rapport u sema' il-verżjonijiet tal-partijiet kollha involuti, u allura dwar min effettivament wasal għal konklużjoni li temerġi mir-rapport ippreżentat in atti. Mhux biss, iżda, dan Dr. Andrea Saliba qatt ma jinġieb biex jixhed fil-Qorti biex jikkonferma bil-ġurament dak minnu redatt, xogħol li, mingħajr dubbju, ġie minnu eżegwiet mingħajr awtorizazzjoni la tal-Inkwirenti u lanqas tal-Ewwel Qorti. Dan iwassal lill-Qorti għal konklużjoni illi l-eżami forensiku fuq il-minuri AA ma sarx direttament mill-espert nominat, iżda minn terza persuna li ma kienetx maħtura la mill-Inkwirenti u lanqas mill-Ewwel Qorti biex tassisti lill-espert Camilleri.

Illi f'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta tal-24 ta' Settembru 2009 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Renard Cassar**, gie deċiż:

**"Issa hija prattika sancita mill-ligi li xhieda ordinarji w cioe' mhux persuni li jigu mahtura bhala esperti mill-Qorti, ma jistghux jaghtu jew jesprimu opinjoni imma jistghu jiddeponu biss fuq dak li huma jikkonstataw bis-sensi taghhom. Meta tkun mehtiega xi hila jew sengha specjali biex jigi ezaminat xi oggett, ghandha tigi ordnata perizja, (art. 650 (1) tal-Kap.9). Il-periti skond il-Kodici Kriminali ma jistghux ikunu esperti ex parte imma jridu jkunu gew**

[2] Fol. 8 tar-rapport – meta hemm referenza ghall-ezami kliniku li sar fuq il-minuri jigi hekk indikat: "poor insight into the index offence, and why she was <u>being assessed by myself</u>." Fol. 7: "The HCR risk assessment was carried out by myself, a trained user of this assessment,." Dan fost indikazzjonijiet oħra tul ir-rapport.

**maghzulin mill-Qorti (art. 650 (1) tal-Kap.9) jew mill-Magistrat Inkwirenti li jkun qed jikkonduci l-in genere (art.548 u 549 tal-Kap.9).**

**..... ladarba l-imsemmi rapport ma sarx minn perit maghzul mill-Qorti, dan jirrendi l-istess rapport bhala wiehed inammissibbli bhala prova."**

Dan ifisser illi l-Ewwel Qorti ma setatx tieħu konjizzjoni ta' rapport li tħejja *in parte* jekk mhux *in toto* minn persuna mhux maħtura minnha bħala espert in materja, persuna li *di piu* lanqas qatt inġiebet fil-qorti biex tixhed dwar ix-xogħol minnha eżegwiet. L-espert Dr. Nigel Camilleri qatt ma ingħata is-setgħa li jiddelega ix-xogħol tiegħu lil terza persuna u jekk kien jenħtieġlu jagħmel dan, kellu jikseb l-awtorizazzjoni tal-Inkwirenti jew tal-Qorti preventivament. Meta jitla' jixhed quddiem l-Ewwel Qorti, imbagħad, lanqas jispjega il-mod kif huwa eżegwixxa l-inkarigu lilu mogħti.

Illi dan ir-rapport għal Prosekuzzjoni kellu jkollu piż akbar fil-proċeduri odjerni, iktar u iktar għaliex, kif ingħad, il-minuri ma tinġiebx biex tixhed *viva voce* fil-qorti minħabba l-istat ta' saħħa mentali tagħha. Fil-fatt fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2018, ġie vverbalizzat li "*Il-Prosekuzzjoni nfurmat lil Qorti li mhux se ttella bħala xhud lil minuri AA minħabba l-kundizzjoni ta' dizabilita' li għandha li tista' tikkawza iktar ħsara jekk hi tixhed f'dawn il-proċeduri.*" L-appellant jilmenta, fil-fatt, li l-Prosekuzzjoni ma resqitx prova dwar il-ħsara psikoloġika li kienet ser tiġi kkawżata lill-minuri li kieku xehdet fil-proċeduri, u lanqas talbet li jiġi maħtur espert sabiex jiddetermina l-istess. Illi l-Artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali, kif emendat bl-Att XIII tal-2018[3], jagħmel eċċezzjoni għar-regola li x-xhieda iridu jinġiebu l-Qorti biex jixhdu *viva voce*:

**(1) ħlief jekk, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ, huwa evidenti lill-Qorti li xhieda viva voce tista' tikkawża ħsara psikoloġika lix-xhud u jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (8):**

---

[3] Il-Liġi kif kienet viġenti qabel l-2018 kienet tippermetti ix-xiehda tal minuri permezz ta' reġistrazzjoni b'awdjo u videjo, iżda ma kenitx titkellem dwar l-eżenzjoni li daħħlet fis-seħħ bl-Att XIII tal-2018.
"Iżda wkoll meta x-xhud ikun minuri taħt is-sittax-il sena u tinġieb bi prova reġistrazzjoni bl-awdjo u bil-video tax-xiehda tal-minuri, il-minuri ma għandux jinġieb biex jiġi eżaminat viva voce kemm-il darba l-Qorti ma tordnax li jsir xort'oħra għal xi raġuni li toriġina wara d-data meta dak il-minuri jkun ta x-xiehda tiegħu ul-Qorti tqis li dan ikun fl-interess ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u l-kxif tas-sewwa."

**Iżda wkoll meta x-xhud ikun minuri taħt is-sittax-il sena u tinġieb bi prova reġistrazzjoni bl-awdjo u bil-video tax-xiehda tal-minuri, il-minuri ma għandux jinġieb biex jiġi eżaminat viva voce.**

Illi dan kellu jfisser illi d-deċiżjoni dwar jekk ix-xhud kellhiex tiġi eżentata milli tagħti x-xiehda tagħha fil-Qorti, jew jekk dan setax isir permezz tal-proċedura awdjo-viżiva kontemporanja, ma kellhiex tkun tal-Prosekuzzjoni, iżda tal-Qorti. Bil-fatt illi l-Prosekuzzjoni iddeċidiet *marte proprio* illi ma tressaqx ix-xhud ewlenija fil-qorti, iġib bħala konsegwenza illi ix-xiehda tagħha hija nieqsa mill-atti proċesswali u allura dak mistqarr mill-assistenti soċjali bħala prova korroborattiva f'dan il-każ jikkostitwixxi 'l hekk imsejjħa *hearsay evidence* li għandu valur probatorju limitat fis-sens illi dak mistqarr mill-minuri lil dawn ix-xiehda ma jista' qatt jikkostitwixxi prova diretta illi l-att inkrimatorju fil-fatt seħħ. L-appellant kwindi għandu raġun meta jilmenta li ma nġabet l-ebda prova medika konkreta dwar il-kundizzjoni ta' saħħa mentali tal-minuri u jekk din kenitx tikkwalifikaha allura għall-eżenzjoni li jitkellem dwaru l-artikolu 646(2), hawn fuq iċċitat.

Illi allura l-Prosekuzzjoni naqqset meta ma resqitx lil minuri biex tixhed u fl-eventwalita' illi dan ma setatx tagħmlu minħabba ir-riskju illi dan seta' jikkawża ħsara psikoloġika fuq il-minuri, kellha tressaq talba quddiem il-Qorti għall-eżenzjoni fit-termini tal-artikolu 646(2), bil-Qorti imbagħad tiddeċiedi dwar din it-talba jekk tħoss il-ħtieġa, wara li ssir il-prova fir-rigward.

Illi l-uniku verżjoni tal-fatti li tagħti il-minuri tinsab riflessa fix-xiehda tal-assistenti soċjali, billi anke jekk il-Qorti kellha tieħu konjizzjoni tar-rapport psikjatriku, xortawaħda jirriżulta illi l-minuri lill-espert tal-Qorti jew lil Dr. Andrea Saliba ma tkellmux dwar l-allegat abbuż[4]. Illi fil-kors tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti xehdu diversi assistenti soċjali u *Learning Support Assistents* li jispjegaw dak li irrakkontatilhom il-minuri dwar l-allegat abbuż sesswali, li fil-verita' lanqas jista' jissejjaħ rakkont, iżda kliem jew frażijiet b'konnotazzjonijiet sesswali li hi tassoċjahom

[4]Fol. 4 tar-rapport : "On asking about the incident she said 'tghidx oħra' repeatedly. She demonstrates that Claude grabbed her inner thigh and both knees but denies that he kissed her."

ma' Claude, ċioe' l-appellant. Mill-istampa li tmerġi minn din ix-xiehda jidher illi l-minuri hija afflitta mill-kundizzjoni tal-awtiżmu li tirrendi l-imġieba tagħha kemmxejn kaotika, b'limitazzjonijiet fl-iżvilupp tagħha mentali li jirrendiha inkapaċi tissoċjalizża b'mod normali tant illi tbati minn ċertu impulsivita', aggressivita' u familjarita' żejda anke ma' persuni li lanqas biss tafhom. Fil-fatt l-*LSA* li ssegwiha fuq bażi regolari fl-iskola, apparti l-fatt illi tgħid li l-minuri lilha qatt ma lmentat magħha dwar dan l-allegat abbuż, għalkemm jidher li din hija waħda mill-persuni li tqatta' ħin mal-minuri u li hija tħossha komda magħha, tiddeskrivi lit-tifla bl-aġġettiv "*hyper*" u li anke ħadet kunfidenzi żejda ma' għalliema oħra billi ma tirrispettax l-ispazju personali ta' terzi persuni.

L-appellant jattaka l-valur probatorju tax-xhieda ta' Demis Fenech, Charlene Zarb, Marylyn Agius u Carmen Bonanno, fejn jgħid li ix-xiehda ta' l-istess setgħet tintuza biss bħala prova korroborattiva biss li kieku xehdet AA. Bla tlaqliq, dina l-Qorti tgħid li taqbel perfettament ma' l-istess. Demis Fenech, Charlene Zarb, Marylyn Agius u Carmen Bonanno xehdu dwar dak li stqarret magħhom il-minuri u dik ix-xhieda hija waħda ammissibli, iżda tikkostitwixxi biss prova dwar id-diskors li ġie skambjat bejn il-minuri u x-xhud u mhux prova ta' dak li seħħ verament. Sabiex tiġi determinata l-veraċita' ta' dak li stqarret il-minuri AA ma' dawn l-istess xhieda, kellhom jitressqu provi ulterjuri li jissostanzjaw l-istess u ċertament li l-aħjar prova kienet tkun dik tax-xiehda tal-istess minuri, li setgħet issir bil-proċedura awdjo-viżiva u bl-assistenza ta' professjonisti, ħaġa li effettivament ma saritx.

**Ikkunsidrat:**

Illi magħmula dawn l-osservazzjonijiet huwa evidenti illi l-Ewwel Qorti sejset is-sejbien ta' ħtija fil-konfront tal-appellant fuq provi li qatt ma setgħu iwasslu għaċ-ċertezza morali li tesiġi l-liġi illi dak li allegat il-minuri mal-assistenti soċjali verament seħħ, u dan mingħajr indaġini ulterjuri dwar dak minnha affermat. Fl-ewwel lok l-istqarrijiet u dikjarazzjonijiet meħuda minn għand l-appellant, kemm mill-investigaturi kif ukoll mill-professjonisti kollha li kellmuh, ma sarux skont il-liġi sabiex għalhekk din il-prova kellha tiġi skartata. Il-minuri ma tixhidx fil-Qorti bil-Prosekuzzjoni tagħżel li ma tressaqx din il-prova minn jeddha, minflok tikseb

preventivament l-eżenzjoni mill-Qorti, u dan wara li jkun sar *assessment* kliniku dwar il-ħsara psikoloġika li talvolta tista' issofri l-minuri jekk tinġieb biex tixhed. L-espert nominat mill-Inkwirenti jiddelega x-xogħol tiegħu lil persuna oħra, ċertu Dr. Andrea Saliba, mingħajr id-debita awtorizazzjoni mill-Inkwirenti jew mill-Qorti. Dan Dr. Andrea Saliba lanqas jinġieb biex jixhed fil-Qorti biex jikkonferma bil-ġurament dak minnu konstatat, kif lanqas jiġi mistoqsi l-espert Dr. Nigel Camilleri dwar il-mod kif eżegwixxa l-inkarigu lilu mogħti. L-unika evidenza li jifdal fl-atti dwar l-allegat abbuż hija x-xiehda tal-assistenti soċjali u tal-*Learning Support Assistents - LSA's* li mingħajr korroborazzjoni tikkostitwixxi biss prova ta' dak li setgħet qalet il-minuri lil dawn in-nies, iżda ċertament mhux li l-fatt minnhom rakkontat fil-verita' seħħ, iktar u iktar meta jirriżulta illi l-iktar persuna li kienet tqatta' ħin mal-minuri u li kienet issewgieha, u cioe' l-*LSA* tagħha, tiċħad illi l-minuri qatt semmiet magħha xi inċident ta' abbuż. Illi imbagħad l-appellant jieħu l-pedana tax-xhieda u jiċħad b'mod kategoriku li huwa għamel l-atti inkriminatorji li dwarhom ġie mixli. Illi l-ġenturi tiegħu fix-xiehda tagħhom ukoll jiċħdu li qatt seħħ dak allegat, fil-presenza tagħhom, fid-dar fejn huma jirrisjedu, li tidher li hija waħda piuttost żgħira fejn f'dak iż-żmien lanqas kien hemm bibien jifirdu il-kmamar minn xulxin.

Illi, allura abbazi ta' dawn ir-riżultanzi proċesswali l-Ewwel Qorti ma setgħetx legalment u raġonevolment tasal għal sejbien ta' ħtija billi l-istess ċertament ma tistax titqies "*safe and satisfactory*". Din il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-każ ir-responsabbilita' penali tal-appellant ma ġietx ippruvata mill-Prosekuzzjoni sal-grad rikjest mill-Liġi u ma tressqux provi konkreti dwar dak allegat mill-minuri, iktar u iktar f'ċirkostanzi fejn l-istess minuri hija afflitta minn kundizzjoni ta' saħħa mentali fejn allura jenħtieġ eżami aktar approfondit dwar dak li tiddeskrivi u tirrakkonta.

Għalhekk din il-Qorti ma tista' qatt tkun moralment konvinta bil-ħtija tal-appellant għar-reat lilu addebitat, billi abbażi tal-provi skarni li hemm fl-atti, fejn il-maġġior parti tagħhom huma wkoll legalment inammissibbli, jibqa' dejjem dak il-*lurking doubt* lil tirrendi kwalsiasi kundanna perikoluża. Stabbilit dan il-punt, il-Qorti mhijiex ser tinoltra ruħha f'eżami tal-aggravji rimanenti mressqa mill-appellant.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell interpost, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:**

**i) Tikkonfermaha fil-parti fejn l-appellant Claude Grasso ġie illiberat mill-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, u**

**ii) Tirrevokaha fil-parti fejn sabet lill-appellant ħati tat-tieni mputazzjoni u minflok tgħaddi sabiex tilliberah mill-istess, sabiex b'hekk l-appellant Claude Grasso qed jiġi illiberat minn kull imputazzjoni u ħtija.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**